MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 182/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Reginald Fava**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Reginald Fava talli fil-kwalita` tieghu ta’ direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` Kemimport Ltd (C74) u/jew bhala l-persuna l kien inkarigat mill-istess socjeta` sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi kollha sal-perijodu 28 ta’ Frar 2005 fl-ammont ta’ Lm232.05 dovuti lill-ex impjegata tas-socjeta` fuq imsemmija Paula Grech fit-tmiem tal-impjieg taghha fit-28 ta’ Frar 2005.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi Reginald Fava li jhallas lill-persuna fuq indikata l-ammont imsemmi ghar-ragunijiet fuq specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Reginald Fava hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-hkas ta' multa ta' mitt lira (Lm100) u ordnat li huwa jhallas lil Paula Grech l-ammont ta' Lm232.05 bhala pagi dovuti lilha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Reginald Fava pprezentat fis-17 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjoni dedotta u, fi kwalunkwe kaz, tirriduci l-piena moghtija mill-ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa illi l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament tajjeb tal-fatti rizultanti mix-xhieda. Din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda u dak li jirrizulta minn dak li xehdu huwa s-segwenti:

**Ivan Spiteri** xehed lli huwa *executive officer* fid-Dipartiment ta' l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u fit-2 ta' Marzu 2005 kienet marret id-Dipartiment certa Paula Grech li qalet li kienet tahdem mal-Chemimart Group of Companies mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8.30 a.m. sal-5.00 p.m. u s-Sibt mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m., li bdiet tahdem fit-30 ta' Awissu 2004 u spiccat fit-28 ta' Frar 2005, u li kienet tat gimgha notice u hadmet dik il-gimgha. Il-*claim* taghha kien fuq l-*overtime* ghax allegat li qatt ma hadet il-*break* u kienet tibqa' tahdem matul il-*break*. Ix-xhud

ghalhekk ikkalkola, fuq dak li qaltlu Paula Grech, a bazi ta’ 26 gimgha 44 siegha u kwart bir-rata ta’ siegha siegha u nofs, l-ammont ta’ Lm232.05.

**Paula Grech** xehdet illi bdiet tahdem fit-30 ta’ Awissu 2005 mal-Chemimart u li kienet tithallas mit-Tnejn sal-Gimgha l-*minimum wage* u ma kinitx tithallas tas-Sibtijiet. Qalet li kienet tiehu nofs siegha *break* u ma thallsitx tas-Sibtijiet. In kontro-ezami qalet illi r-relazzjoni mal-kumpanija kienet wahda tajba u tat ir-rizenja peress illi kienet ser tkompli l-iskola. Kien il-papa` taghha li gibdilha l-attenzjoni li ma kinitx qed tithallas sew. Fuq kumment tad-difiza li kienet intitolata ghal siegha u nofs *break* qalet li ma kinitx taf. Fuq mistoqsija tal-Qorti ghaliex ma kinitx tiehu siegha u nofs, qalet illi hadd ma gibdilha l-attenzjoni. Hija kienet tiehu *break* bhal shabha izda ma kinitx izzomm il-hin ta’ haddiehor. Il-kalkolu ta’ kemm kien dovut lilha sar mil-Labour Office. Mistoqsija jekk qaltilhomx li kienet hadet ghaxart ijiem  u nofs *leave* u li kien hemm sebat ijiem festi pubblici fost il-gimgha qalet li kienet qaltilhom dwar il-*leave*.

**L-appellant** xehed illi Paula Grech kienet taghmel xoghol klerikali mal-Kemimport u l-hinijiet tax-xoghol huma bejn it-8.30 a.m. u l-5.00 p.m. principalment peress illi d-diretturi jdumu aktar. Qal ukoll li hemm *break* ta’ nofs siegha u siegha ghal min jibqa’ fuq il-post tax-xoghol u siegha  u nofs ghal min imur id-dar. Paula Grech ghazlet li tibqa’ fuq il-post tax-xoghol. Qal li min kien responsabbli biex jaghti l-*break* lill-impjegati kien gibidlu l-attenzjoni li Paula Grech ma kinitx qed tiehu l-*break* kollu taghha u ghalhekk baghat ghaliha fl-ufficcju tieghu f’zewg okkazjonijiet u nsista maghha li l-*break* taghha kellha tiehdu kollu. Ftit wara rrizenjat. Huwa qal li fi kwalunkwe kaz fil-kalkoli tad-Dipartiment ma ttehidx kont tal-*leave* u tal-festi pubblici. Ix-xhud qal li qatt ma qabbad lil Paula Grech taghmel xi xoghol fil-hin tal-*break* – il-*work-load* taghha baqa’ dak li kien. Meta kkonfrontaha biex tiehu l-*break* hija wegbitu li tiddejjaq toqghod hemm ma taghmel xejn izda huwa baqa’ jinsisti li kellha tiehu l-*break* taghha. In kontro-ezami l-appellant qal li d-drabi li kellimha dwar il-*leave* kien *in between* ix-xoghol taghha. Hija pero` qatt ma

qaltlu li ma kinitx taf li kellha dritt tiehu l-*break*. Waqt konfront ma' Paula Grech, din Grech xehdet li hames xhur wara li kien ilha tahdem kien qallha li suppost izzid il-hin tal-*break*, li hija ccekkjat mal-Labour Office u qalulha li ma kellhiex ghalfejn izzid il-hin tal-*break* u li ma tiftakarx dak li qal l-appellant li hija kienet qaltlu li tiddejjaq bilqieghda ma taghmel xejn. Hija sostniet li l-*claim* taghha kien jirrigwarda s-Sibtijiet ghax qalet li ma kinitx qed tithallas kif suppost, u cioe` bis-siegha siegha u nofs. Qalet li l-kwistjoni tal-*break* inqalghet meta kellha l-kawza l-Qorti. F'dan l-istadju ssejjah fl-Awla Ivan Spiteri li rrefera ghal kopja ta' e-mail li esebixxa huwa stess (a fol. 33) fejn l-erba' sieghat u nofs huma indikati bhala *overtime* tas-Sibt.

**Agnes Cutajar** xehdet li fiz-zmien in kwistjoni kienet *office manager* inkarigata mis-salarji. Qalet illi l-impjegati tal-Kemimport normalment ma jahdmux *overtime* u meta persuna tahdem l-*overtime* tithallas ix-xahar ta' wara u dan jitnizzel fost id-dettalji fuq l-*envelope* tal-paga. Paula Grech kellha siegha u nofs *break*. Fil-hin tal-*break* ikun hemm xi hadd li jibghat lill-impjegati ghall-*break*.

**Paula Grech,** imsejha mill-gdid, qalet illi t-tifla ta' l-appellant kienet ittiha c-cavetta tal-kcina, tghidilha tidhol ghall-*break*, hi kienet tidhol u mbaghad terga' taghti c-cavetta lit-tifla ta' l-appellant li kienet ittiha lil haddiehor. Gibditilha l-attenzjoni dwar li ma kinitx qed iddum kemm suppost meta kienet diga` ilha tahdem hemm hames xhur. Fl-istess zmien gibdilha l-attenzjoni l-appellant. Tal-Labour Office pero` qalulha li ma kellhiex ghalfejn izzid il-hin tal-*break*. Qalet li hi "qed tiggieled ghas-Sibtijet" u li "tal-*breaks* ma nafx ezattament kif tigi."

Mill-provi mismugha jidher illi l-pretensjoni ta' Paula Grech kienet tirrigwarda s-sieghat li hija kienet tahdem nhar ta' Sibt li hija kienet tqis bhala *overtime* stante li matul il-gimgha tghid li kienet tahdem tmien sieghat kuljum. L-appellant u Agnes Cutajar xehdu li *overtime* ma jinhadimx mas-socjeta` Kemimport Ltd. Barra minn hekk jirrizulta li l-granet tax-xoghol huma mit-Tnejn sas-Sibt (hamest ijiem u nofs) u l-appellant kien jinsisti fuq siegha u nofs *break*

sabiex b'hekk l-impjegati jkunu qeghdin jahdmu erbghin siegha xoghol fil-gimgha skond il-ligi.

Saret referenza mid-difiza ghall-Avviz Legali 32/1989 imsejjah *Ordni tal-Kunsill tal-Pagi ghan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut biex Jirregola l-Pagi* li, fit-tieni artikolu ta' l-Iskeda annessa ma' l-Ordni, jipprovdi li r-remunerazzjoni pagabbli lil impjegati *whole-time* (bhalma kienet Paula Grech) ghandha tkun relattiva ghal gimgha ta' mhux izjed minn erbghin siegha mifruxin fuq hamest ijiem u nofs. Ir-raba' artikolu mbaghad jipprovdi illi l-impjegati kollha *whole-time* ikollhom intervalli ta' mhux inqas minn siegha b'kollox ghall-ikel u ghall-mistrieh kuljum.

Ghalhekk huwa car illi Paula Grech kienet impjegata a tenur ta' l-imsemmi Avviz Legali u li x-xoghol taghha nhar ta' Sibt kien parti mill-gimgha tax-xoghol taghha. Jigifieri ma tistax tippretendi li tithallas *overtime* meta ma kinitx intitolata ghalih. Kwantu mbaghad ghall-hinijiet ta' mistrieh taghha fil-granet l-ohra tal-gimgha, kienet l-ghazla taghha li tibqa' fuq il-post tax-xoghol anke fil-hinijiet tal-*break* u ma jirrizultax illi, minhabba f'hekk, hija giet assenjata aktar xoghol minn dak li kien ikkunsidrat bhala l-*work-load* normali taghha.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------